

Konvenut: Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni li tingħalaq mingħajr tkomplija l-proċedura ta' investigazzjoni amministrattiva li nbdiel wara lment dwar fastidju psikoloġiku mressaq mir-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

- Tannulla d-deċiżjoni tat-18 ta' Jannar 2010 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew li ma tittieħed ebda miżura kontra l-kap tal-unità min-naħa tar-rikorrent u li tingħalaq mingħajr tkomplija l-proċedura ta' investigazzjoni amministrattiva li nbdiel b'mod konġunt mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mill-Kumitat tar-Reġjuni wara l-ilment ta' dwar fastidju psikoloġiku;
- tikkundanna lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Diċembru 2010 — Mora Carrasco et vs Il-Parlament

(Kawża F-128/10)

(2011/C 63/64)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Aurora Mora Carrasco (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, u E. Marchal, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjonijiet li r-rikorrenti ma jiġux promossi fil-proċedura ta' promozzjoni 2009

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew li ma jiġux promossi fil-proċedura ta' promozzjoni 2009;
- jikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.